MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1969/2003

**Vincent Cachia**

**vs**

**Carmel Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tmienja u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm88.05) rappresentanti danni ikkagjonati lill-attur meta fis-16 ta' Lulju 2001 ghal habta tal-11:15 ta' fil-ghodu, filwaqt illi l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru SED009, baqa' diehel fil-vettura ta'l-attur u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali datata Marzu 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tmienja u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm88.05), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------